MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 1145/2010

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**vs**

**Nigel Abela ID 518185M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' rikorrenti qed titlob m'ghand il-konvenut il-hlas ta' elf, sitt mija disgha u tlettin Ewro sebgha u disghin centezmi (€1,639.97c) ghal servizzi u prodotti lilu provduti a bazi tal-ftehim Dok A (*a fol* 2)

**Ra** r-RISPOSTA li l-ammont pretiz mhux dovut fl-intier tieghu.

**PROVI**

1. Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2011 s-Socjeta' attrici pprezentat bhala Dok NG1 – 13 Kopji tal-*Itemised bills*, Kopja tas-*Sign-up form* u kopja tal-*Breakdown of monthly bills* (*a fol* 24 – 48)

2. FL-udjenza tas-26 ta' Jannar 2012 u dik tas-6 ta' Marzu 2012 Dr. Claudio Zammit, li kien iffirma r-RISPOSTA vverbalizza li l-konvenut ma baqax jikkomunika mieghu u fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2012 Dr. Daniela Gauci ghas-socjeta' attrici qalet li kienet giet avvicinata mill-kontro-parti li ppropona possibbli transazzjoni. Imbaghad b'NOTA pprezentata fil-15 ta' Ottubru 2012 Dr. Claudio Zammit irrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut. B'Nota tal-4 ta' Frar 2013 ghamlet l-istess Dr. Daniela Gauci.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. It-TRIBUNAL jinnota li l-konvenut (li gie notifikat wara hafna tahbit) ressaq RISPOSTA li l-ammont mitlub mhux dovut fl-intier tieghu. Ma deher f'ebda udjenza u l-avukat li ressaq ir-RISPOSTA spicca wkoll biex irrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut.

2. It-TRIBUNAL, gwidat minn principji ta' ekwita' kif statutorjament ghandu jaghmel, iqis li l-kaz tas-socjeta' attrici hu pruvat.

**DECIZJONI**

Meqjus dak kollu mfisser hawn fuq it-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi **jichad** l-eccezzjoni tal-Intimat u **jikkundanna** lill-Intimat biex ihallas lis-Socjta' attrici il-*quantum* ta' elf, sitt mija disgha u tlettin Ewro sebgha u disghin centezmi (€1,639.97c) bl-imghax mit-8 ta' Ottubru 2010 sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------